MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1157/2001/1

**Ann Caruana Montaldo**

**vs**

**Philip Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Ottubru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm653.00) oltre l-imghax legali mill-11 ta' Awissu 2001 rapprezentanti sehem il-konvenut mill-hlas maghmul mill-attrici lill-HSBC Bank plc ghad-dejn tas-socjeta' Les Amis Du Vin Limited bhala garanti solidali tal-istess Bank flimkien mal-konvenut.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2588/0 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:-
1. Id-debitu dovut lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c kien htija tal-agir tal-attrici stess u dan wara li hija hadet u zammet ghaliha l-istokk kollu tas-socjeta’ Les Amis Du Vin.
2. Minghjar pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi hlas dovut lill-attrici ghal pagamenti minnha affetwati diga’ thallsu bi tpacija mis-socjeta’ Les Amis Du Vin permezz tal-istokk li nzamm ghand l-istess attrici.
3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut fil-kapacita’ tieghu personali huwa kreditur tal-attrici f’ammont ferm akbar minn dak pretiz mill-istess attrici u fil-fatt ghal dan il-ghan hemm pendenti proceduri quddiem il-Prim;Awla tal-Qorti Civili fl-ismijet Philip Borg vs Ann Caruana Montaldo (Citaz numru , u u ghalhekk fi kwalunkwe kaz hemm tpacija ta’ kwalsiasi ammont pretiz mill-attrici.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Sema’ x-xhieda tal-attrici, ta’ Peter Gauci, tal-ISpettur Helga Debono, ta’ Anthony Grech, Kenneth Dimech u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu diretturi fis-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited u li din is-socjeta’ inghatat ‘Overdraft Facility’ minghand L-HSBC Bank (Malta) plc. Irrizulta wkoll li z-zewg partijiet ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali fil-onfronti tal-Bank in kwantu jirrigwarda din il-facilita bankarja. Din il-kumpanija kienet utilizzat il-flus moghtija lilha permezz tal-imsemmija facilita’ bankarja sabiex takkwista tnax il-‘wine chiller’ biex terga’ tbieghhhom bi profitt. Skond ix-xhieda ta’ Peter Gauci, ir-rapprezentant tal-HSBC Bank (Malta) plc, jidher li din l-‘Overdraft Facility’ giet konvertita f’’loan’ fl- 1999 u li f’dik is-sena waqfu jsiru pagamenti. Il-Bank ghalhekk prova

diversi drabi jikkomunika mal-konvenut peress li kien dejjem dan tal-ahhar li kien jikkomunika mal-Bank in kwantu jirigwarda dan il-kont bankarju izda ma rnexxilux ikollu kuntatt mieghu. F’Lulju 2000 il-Bank kellu laqgha mal-attici fil-kwalita’ taghha ta’ garanti solidali ghall-ammont misluf lis-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited u gie miftiehem li hija kellha thallas il-bilanc dovut fuq il-kont in kwistjoni f’pagamenti mensili ta’ Lm55.00 fix-xahar. Il-bilanc li kien ghadu dovut fuq il-kont kien ta’ Lm1274.49 u l-attrici hallset dan l-ammont sa’ Lulju 2001. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li l-konvenut jirrifondilha nofs dan l-ammont, u cioe’ is-somma ta’ sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm653.00), bhala sehemu qua garanti solidali flimkien maghha ghas-somma mislufa lis-socjeta’ Les Amis Du Vin.

Il-konvenut m’huwiex qed jikkontesta li l-attrici effettivament hallset dan lammont fil-kwaita’ taghha ta’ garanti tas-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited jew li huwa kien garanti solidali flimkien mal-attrici in kwantu jirrigwarda dan l-ammont. Il-konvenut izda isostni li d-debitu tas-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited sar dovut minhabba htija tal-attrici li zammet il-‘wine chillers’ ghandha ghal zmien twil u ghalhekk dawn ma setghux jinbieghu. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova xi htija tal-attrici fir-rigward. Mill-provi rrizulta li t-tnax il-‘wine chiller’ in kwistjoni nxtraw fl-1996 u li nbieghu biss erba’ minnhom. Il-konvenut ma rnexxilhux jipprova li c-‘chillers’ ma nbieghux ghalliex kienu ghand l-attrici, li del resto kellha kull dritt li tiehu l-istess ‘chillers’ peress li hija wkoll kienet diretrici tas-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited. Jidher li c-‘chillers’ ma nbieghux ghaliex is-socjeta’ Les Amis Du Vin ma sabitx i-bejgh taghhom u mhux ghaliex meta inqala’ l-inkwiet bejn l-partijiet l-attrici ddecidiet li tiehu c-‘chillers’ fir-‘registered address’ tal-kumpanija. Del resto jidher li c-‘chillers’ ghamlu zmien twil fil-garaxx propjeta’ ta’ Anthony Grech minghajr ma nsab i-bejgh taghhom qabel ma dawn effettivament ittiehdu mill-attrici. Fi kwalunkwe kaz irid jinghad li anki kieku giet pruvata xi htija da parti tal-attrici in kwantu jirrigwarda n-nuqqas ta’ bejgh tac-‘chillers’, kienet is-socjeta’ Les Amis Du Vin Limited li kien ikollha dritt tirkupra d-danni

minghand l-attrici u mhux il-konvenut fil-kwalita' tieghu personali. Dan l-ahhar argument japplika wkoll in kwantu jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li hem lok ghal tpacija mal-valur tal-oggetti propjeta' tal-kumpanijia li nzammu mill-attrici u dan peress li t-Tribunal jidhirlu li t-tpacija setghat issir biss kieku t-talba odjerna kienet qed issir kontra s-socjeta' Les Amis Du Vin Limited u mhux kontra l-konvenut personalment.

It-tielet eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li ghandha ssir tpacija mal-ammont li huwa hallas fil-kwalita' tieghu personali fil-kont tas-socjeta' Les Amis Du Vin Limited wkoll ser tigi michuda. Huwa ma gab ebda prova in kwantu jirrigwarda l-kawza li allegatament intavola kontra l-istess attrici fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talabha tirrifondi l-ammont li huwa allegatament hallas fil-kwalita' tieghu personali. Inoltre huwa ma pruvax li effetivament saru xi pagamenti fl-'Overdraft/Loan Facility' minnu fil-kwalita' tieghu personali., u cioe' qua garanti. Mix-xheieda ta' Peter Gauci u mid-dokumenti minnu prodotti rrizulta li qabel Lulju 2000 il-pagamenti li gew effetwati saru mis-socjeta' Les sAmis Du Vin Limited u kien biss fl-imsemmija data li bdew jigu eeffetwati pagamenti mill-attrici fil-kwalita' taghha ta' garanti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecieidi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lilll-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm653.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2588/01, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------